MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 502/2006

**Maltacom Plc (C 22334) u b'digriet ta' nhar id-29 ta' Novembru, 2007 l-isem tas-socjeta' attrici inbidel minn Maltacom Plc ghal Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Primrose Poultry Products Limited (C 1806) u b'digriet tas-27 ta' April, 2007 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Peter Millington**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' tlett elef, tlett mija, sitta u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmi (€3326.55) ekwivalenti ghal Lm1428.09 rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu in-numru 21616016 (A/C 10155061 – CN317439).

Illi s-socjeta' konvenuta giet nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali.

Dok A, prospett, dok. B kuntratt, u dok. C prokura mehmuzin.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn issollevat illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li bejn iz-zewg socjetajiet, kif anke jirrizulta mill-kuntratt ezebit ma tezistix relazzjoni guridika.

Illi l-persuna responsabbli ghal hlas tas-servizz kien Peter Millington li ghandu jigi kjamat fil-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra mill-atti li b'digriet tas-27 ta' April, 2007 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Peter Millington.

Ra mill-attti li l-konvenut kjamat in kawza baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal. Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2008 mill-Avukat Dr Kris Borg u fis-seduta ta' nhar il-1 ta' April, 2008 inghatat sentenza in subizzjoni fil-konfront tal-kjamat in kawza Peter Millington.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta' Dr Keith Grech, Mr Robert Borg,

Sema` t-trattazzjoni taz-zewg abbli difensuri tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Mill-provi jirrizulta illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ kont tat-telefon, liema numru tat-telefon allegatament isejjah lis-socjeta’ konvenuta. Is-socjeta’ konvenuta cahdet illi ghandha xi kont pendenti mas-socjeta’ attrici u li kwalunkwe’ kont semmaj kellu jigi indirizzat lil certu Peter Millington inkwilin ta’ wiehed mill-appartamenti mikrijin lis-socjeta’ konvenuta u li fiz-zmien kien impjegat bhala Manager ma` l-istess socjeta’ konvenuta. Fuq binarju legali gie eccepiet illi ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn iz-zewg partijiet kif jirrizulta mill-kuntratt ezebit mis-socjeta’ attrici.

Rigward l-eccezzjoni li ma tezistix ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, it-Tribunal jirrilleva illi l-ftehim ghas-servizz telefoniku kien gie iffirmat minn certu Michael Abela, li kien il-bniedem awtorizzat mis-socjeta’ konvenuta jiffirma l-istess ftehim skond ittra annessa ma` l-kuntratt datat 18 ta’ Jannar, 1995. It-Tribunal jirrilleva oltre illi l-proprjeta’ fejn giet installata l-linja telefonika kienet mikrija lill-istess socjeta’ konvenuta. Illi huwa minnu lli fil-ftehim mas-socjeta’ attrici, Michael Abela iffirma ghan-nom ta’ Primrose Group of Companies, izda din m’hijiex socjeta’ li tezisti u konsegwentement m’ghandhiex personalita’ guridika. Illi l-ftehim gie iffirmat fit-18 ta’ Jannar, 1995 u anness ma` l-ftehim kien hemm ittra mibghuta mil-Vice Chairman tas-socjeta’ konvenuta fuq ‘letterhead’ ta’ Primrose Group of Companies, fejn awtorizza lil Michael Abela bhala l firmatarju ghan-nom ta` l-istess socjeta’. Illi ghalhekk hija l-fehma tat-Tribunal illi tezisti relazzjoni guridka bejn s-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta u m’ghandhiex takkolji l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Illi fuq il-mertu, b’ittra mibghuta mis-socjeta’ attrici lil Primrose Group of Companies dawn gew infurmati illi Peter Millington kien assuma r-responsabbilita’ flimkien mas-socjeta’ konvenuta bhala ‘co-debtor’ ‘*in solidum’* mas-socjeta’ konvenuta ta` l-ammont dovut u kien iffirma ftehim ta’ hlas mas-socjeta’ konvenuta u kellu jhallas tant fix-xahar.

Illi ghalkemm is-socjeta' attrici fil-11 ta' Frar, 2003 wasslet ghall-arrangament ta' hlas ma` l-kjamat in kawza, hija nsistiet illi qatt ma ezonorat lis-socjeta' konvenuta mir-responsabbilita' bhala 'is-subscriber' tal-linja telefonika.

Illi fil-fehma tat-Tribunal billi s-socjeta' attrici kienet accettat lil Peter Millington bhala 'co-debtor' dan ma jfissirx illi s-socjeta' attrici rikkonnoxxiet u accettat illi d-debitu gie trasferit lilu. Is-socjeta' attrici accettatu bhala co-debitur ghal hlas ta` l-bilanc li kien baqa.'

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------